MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 24/2006

**Violet Tesi**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Lulju, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur ta' l-4 ta' April 2006, li permezz taghha cahad it-talba ta' l-appellanti ghall-Ghajnuna Medika ghaliex kienet tinsab barra minn Malta, kif ukoll l-appell taghha li dahal fl-4 ta' Mejju 2006.

> Jaghmel riferenza ghad-decizjoni li qed tinghata llum f’ appell iehor ta’ l-istess Violet Tesi numru 194/2006 wara li twaqqfet ukoll ghajnuna peress li kienet siefret barra minn Malta.
>
> Ghall-istess ragunijiet dan l-appell qed jigi wkoll milqugh.”

L-appell introdott mid-Direttur kontra din is-sentenza hu konsimili ghal dak ipprezentat fir-rikors ta’ l-appell fl-istess ismijiet Numru 23/06, b’ din id-differenza. Fil-kaz prezenti, gjaladarba si tratta ta’ Ghajnuna Medika, ghall-kaz hu applikabbli d-dispost tas-subinciz (1) ta’ l-Artikolu 92 tal-Kapitolu 318;

Minnu hu kjarament dezumibbli mill-istess kliem introduttiv tieghu illi l-beneficjarja ma ghandhiex dritt tkompli tircievi dak il-beneficcju ghal perijodu li matulu tkun assenti. Dan b’ eccezzjoni tal-kaz fejn dik l-istess beneficjarja tkun hekk assenti ghal raguni tal-kura medika taghha, li ma huwiex il-kaz hawnhekk. Mill-kumplament l-istess konsiderazzjonijiet zvolti fl-appell l-iehor, kontestwalment deciz, jghoddu ghall-prezenti appell ukoll.

Ghal dawk l-istess motivi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------